MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 61/1999/1

**Graja & Caorsi (Malta) Limited**

**vs**

**Blaschem Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici kienet ipprestat diversi xogholijiet ta' garr ta' merkanzija u servigi assocjati lis-socjeta' konvenuta u fuq inkariku taghha.

Illi ta' dawn ix-xogholijiet, is-socjeta' attrici ghandha tithallas is-somma ta' tliet elef, erba' mija u sitta u hamsin liri maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm3456.32) u dana

skond prospett u fatturi annessi hawn ezibiti u markati Dokumenti A1 sa A10.

Illi s-socjeta' konvenuta, interpellata ghall-hlas permezz ta' ittra bonarja tal-20 ta' Ottubru, 1998 (Dok B), kif ukoll b' mandat ta' sekwestru nurmu 4318/1998 baqghet tirrifjuta li thallas ghar-ragunijiet li dwarhom ma hemmx qbil bejn il-partijiet.

Ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tliet elef, erba' mija u sitta u hamsin liri maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm3456.32) ghar-ragunijiet premessi bl-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura kif riportata fil-prospett dokument "A" u bl-ispejjez kontra taghha, inkluzi dawk tal-ittra imsemmija u tal-mandat ta' sekwestru imsemmi. Is-socjeta konvenuta giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit:

Illi t-talba attrici hi intempestiva billi s-socjeta' attrici (a) ma ipprokuratx lis-socjeta' ecipjenti l-fatturi kollha, b'spjegazzjoni dettaljata abbazi ta' liema s-socjeta' ecipjenti setghet tifhem u tapprezza kif is-socjeta' attrici waslet ghas-somma mitluba minnha u (b) s-socjeta' attrici l-anqas ma forniet lis-socjeta' ecipjenti d-dokumenti necessarji biex tiggustifika r-rimbors li qed titlob u dan noostante t-talbiet li saru mis-socjeta' ecipjenti f'dan is-sens (Dokumenti 'B' sa 'I').

Illi ghar-rigward ta' dawk il-fatturi illi s-socjeta' konvenuta ipprokurat lis-socjeta' konvenuta, it-talba attrici hija infondata stante li r-rati li s-socjeta' attrici uzat sabiex tikkontegga l-ammont dovut lilha mhux skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet kif rifless fil-'quotation' datata wiehed u tletin (31) ta' Dicembru, 1997 li s-socjeta' attrici ssottomettiet harget lis-socjeta' konvenuta, li da parti taggha accettat. (Dokument 'A').

Illi ghar-rigward ta’ l-ahhar ‘shipment’ is-socjeta’ attrici agixxiet b’mod u manjiera sabiex itella’ ingustifikament l-kont taghha b’qliegh akbar ghalija, b’detriment ghas-socjeta’ konvenuta.

Illi kien hemm dewmien esagerat fil-konsenja ta’ xi merkanzija illi garret is-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ ecipjenti u in effett is-socjeta’ konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruha minn dawn il-proceduri sabiex tipprezenta l-infraskritta rikonvenzjoni kontra s-socjeta’ attrici ghal risarciment tad-danni minnha sofferti minhabba d-dewmien imsemmi.

Illi f’kaz li l-Qorti joghgoba tilqa’ t-talba attrici ghal-hlas tas-somma indikata fic-citazzjoni, il-Qorti m’ghandiex tikkundanna lis-socjeta’ ecipjenti thallas lis-socjeta’ attrici l-imghax mitlub minnha stante ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz u l-fatt li s-socejta’ ecipjenti iddepozitat garanzija bankarja ghall-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici taht cedola ta’ depozitu numru 1194/98 biex tigi liberament zbankata skond l-ezitu ta’ dina s-sentenza kif indikat fl-istess garanzija bankarja (Dokument ‘M’). F’dan ir-rigward is-socjeta konvenuta irrilevat li l-imsemmi sekwestru ma giex segwit b’kawza fuq il-mertu entro t-termine legali.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta’ konvenuta kontra s-socjeta’ attrici fejn gie premess:

Illi s-socjeta’ konvenuta inkarigat lis-socjeta’ attrici iggor merkanzija konsistenti f’zewg kaxxi ta’ ‘electrical panels’ minn Milan ghal Malta.

Illi s-socjeta’ konvenuta rrikjediet li dina l-merkanzija tasal Malta malajr u minghajr dewmien u ghalhekk talbiet lis-socjeta’ attrici sabiex din taccerta illi hekk isir.

Illi s-socjeta’ attrici accettat li iggor u/jew tiehu hsieb il-garr ta’ din il-markanzija partikolari bil-patt u l-kondizzjoni illi tingieb Malta urgentement, u b’hekk gie miftiehem kont

korrispettiv mac-cirkustanzi ta' xi mija hamsa u hamsin liri maltin (LM155).

Illi minkejja li s-socjeta' attrici kellha tikkonsenja lis-socjeta' konvenuta dina l-merkanzija minghajr dewmien, naqqset li taghmel dan.

Illi minhabba dan id-dewmien il-fabbrika tas-socjeta' konvenuta ma setax topera ghal xi xaghrejn billi dina l-merkanzija, konsistenti f' 'electrical panels', kienet essenzjali ghall-operat tal-istess fabbrika, u ghaldaqshekk minhabba dan id-dewmien s-socjeta' konvenuta soffriet danni sostanzjali li ghalihom ghandha tirrispondi s-socjeta' attrici stante n-nuqqas taghha.

Illi fl-1 ta' Dicembru, 1998 s-socjeta' attrici prezentat is-sekwestru kawtelatorju numru 4318/98 fl-ismijiet premessi li gie revokat b'digriet tas-17 ta' Dicembru, 1998 wara kontro-mandat ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-istess jum.

Illi s-socjeta' attrici iddeduciet t-talba taghha meta fil-hdax (11) ta' Jannar, 1999 ipprezentat l-kawza odjerna u ghaldaqshekk is-sekwestru kawtelatorju ma giex segwit b'kawza fuq il-mertu entro t-termine legali.

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta talbet li jigi dikjarat li s-socjeta' attrici hija risponsabbli lejn is-socjeta' konvenuta ghad-dewmien fil-konsenja tal-merkanzija konsistenti f'zewg kaxxi ta' 'electrical panels,' li jigu likwidati d-danni relattivi u li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallas dawk id-danni hekk likwidati. Is-socjeta' konvenuta talbet ukoll li jigi dikjarat li s-sekwestru kawtelatorju numru 4318/98 ma giex segwit b'kawza fuq il-mertu entro t-termini legali u li konsegwentement is-socjeta' attrici tigi kundannata thallas lis-socjeta' konvenuta penali ta' mhux inqas minn hames mitt liri (Lm500) skond l-artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li giet ukol ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta ghar-rigward tat-talba rikonvenzjonali taghha debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit li mhux veru illi is-socjeta' rikonvenzjonanti tat struzzjonijiet lis-socjeta' attrici sabiex din iggorr iz-zewg kaxxi bl-urgenza u illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici qatt ma impenjat ruhha illi iggorr din il-merkanzija entro xi zmien fiss. Il-merkanzija in kwistjoni twasslet Malta minn Milan entro dsatax il-gurnata mill-jum illi fih tali merkanzija tqeghdet ghad-dispozizzjoni tas-socjeta' attrici, liema zmien, skond is-socjeta attrici, hu wiehed ragjonevoli. Gie eccepit ukoll li kwantu ghar-raba' u hames talbiet, una volta illi s-socjeta' rikonvenzjonanti ghazlet illi twaqqa l-mandat in kwistjoni permezz ta' garanzija bankarja, fil-mument li ghamlet dan, irrinunzjat ghal presenti rrimedju.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Semghat lix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici.

Semghat lix-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta.

Rat il-varji affidavits prodotti mis-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tas-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Fic-citazzjoni s-socjeta' attrici ssostni li kienet ghamlet xogholijiet ta' garr ta' merkanzija u servigi assocjati fuq inkarigu u a beneficcju tas-socjeta' konvenuta. L-istess

socjeta’ attrici tippretendi li ghad ghandha tiehu minnghand is-socjeta konvenuta ghall-imsemmija xogholijiet is-somma ta’ tliet elef, erba’ mija u sitta u hamsin liri maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm3456.32). Ghalhekk is-socjeta’ attrici qed titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallasha l-imsemmija somma.

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li t-talba attrici hi intempestiva billi s-socjeta’ attrici ma kkonsenjatx lilha l-fatturi kollha relattivi u d-dokumenti kollha necessarji biex it-talba taghha tigi gustifikata. Teccepixxi ukoll li, b’referenza ghall-fatturi li effettivament gew konsenjati lilha, li r-r-rati li s-socjeta’ attrici uzat m’humiex skond il-ftehim ta’ bejnithom u skond dawk kif ikkwotati inizjalment mill-istess socjeta’ attrici. Ghar-rigward ta’ l-ahhar ‘shipment’ is-socjeta’ attrici agixxiet b’mod li ttella’ ingustifikament l-kont taghha. Skond is-socjeta’ konvenuta kien hemm dewmien esagerat fil-konsenja ta’ xi merkanzija li garret is-socjeta’ attrici. L-istess socjeta’ konvenuta ssottomettiet li, fi kwalunkwe kaz, m’ghandiex thallas l-imghax stante li hi ddepozitat garanzija bankarja ghall-ammont mitlub.

Is-socjeta’ konvenuta ghamlet talba rikonvenzjonali kontra s-socjeta’ attrici fejn ippremettiet illi hi kienet talbet li l-merkanzija tasal Malta malajr u minghajr dewmien. Is-socjeta’ attrici accettat li iggor il-markanzija bil-patt u l-kondizzjoni illi tingieb Malta urgentement, u b’hekk gie miftiehem korrispettiv ta’ xi mija hamsa u hamsin liri maltin (Lm155) x’jithallas. Skond is-socjeta’ konvenuta, in effett, is-socjeta’ attrici naqset li taghmel dan u minhabba dan id-dewmien il-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta ma setax topera ghal xi xaghrejn billi dina l-merkanzija, konsistenti f’ “electrical panels” kienet essenzjali ghall-operat tal-istess fabbrika, u ghalhekk minhabba dan id-dewmien s-socjeta’ konvenuta soffriet danni sostanzjali. Is-socjeta’ konvenuta inoltre tippremetti li fl-1 ta’ Dicembru, 1998 gie presentat mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, liema mandat gie revokat b’digriet tas-17 ta’ Dicembru, 1998 wara kontro-mandat ipprezentat mis-socjeta’ konvenuta. Skond is-socjeta konvenuta s-socjeta’ attrici iddeduciet t-talba taghha b’citazzjoni fil-11 ta’ Jannar, 1999 u kwindi s-

sekwestru kawtelatorju ma giex segwit b'kawza entro t-termine l trid il-ligi. .

Ghal dawn il-motivi s-socjerta' konvenuta, fil-kontro-talba taghha qed titlob li jigi dikjarat li s-socjeta' attrici hija risponsabbli lejn is-socjeta' konvenuta ghad-dewmien fil-konsenja tal-merkanzija konsistenti f'zewg kaxxi ta' "electrical panels," li jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta konvenuta minhabba l-imsemmi dewmien u li s-socjeta' attrici tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati. L-istess Socjeta' konvenuta qed titlob ukoll li jigi deciz li l-imsemmi sekwestru kawtelatorju (numru 4318/98) ma giex segwit b'kawza fit-termini li trid il-ligi, u konsegwentement li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallas lis-socjeta' konvenuta penali ta' mhux inqas minn hames mitt liri (Lm500) skond l-artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal din il-kontro-talba s-socjeta' attrici qed teccepixxi li mhux minnu li s-socjeta' konvenuta tat struzzjonijiet lis-socjeta' attrici li l-garr tal-merkanzija kellu jsir bl-urgenza u li, fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici qatt ma impenjat ruhha illi iggorr il-merkanzija entro xi zmien fiss. Is-socjeta' attrici tkompli tissottometti li l-merkanzija twasslet Malta minn Milan entro dsatax il-gurnata mill-jum illi fih tali merkanzija tqeghdet ghad-disposizzjoni tas-socjeta' attrici, liema zmien, skond is-sopcjeta' attrici hu wiehed ragjonevoli. In kwantu ghat-talba relattiva ghall-mandat ta' sekwestru, is-socjeta' attrici ssottomettiet li la darba s-socjeta' konvenuta ghazlet li twaqqa l-mandat in kwistjoni permezz ta' garanzija bankarja, fil-mument li ghamlet hekk irinunzjat ghar-rimedju in kwestjoni.

## Fatti

Jirrizulta li s-socjeta konvenuta diversi drabi talbet lis-socjeta attrici qabel ma gie presentata l-presenti procedura sabiex tforrnielha l-fatturi relattivi ghall-mertu ta' din il-kawza (vide fol.34 sa 42). In effett s-socjeta konvenuta ghamlet xi pagamenti akkont tal-bilanc dovut, izda sabiex taghmel il-pagament shih, sostniet illi kellha bzonn il-fatturi u d-dokumenti li jsostnu it-talbiet tas-

socjeta’ attrici. Inoltre jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet talbet li l-fatturi jintbaghtu ma’ kull garr partikolari u mhux statement li juri diversi items. Da parti taghha, is-socjeta attrici tghid fin-nota ta’ sottomissjonijiet li l-fatt li s-socjeta konvenuta ma rcevitx l-invoices mhux raguni biex ma thallasx l-ammont mitlub. Is-socjeta attrici inoltre tissottometti li l-fatturi esebiti minn fol 6 sa’ 14 huma spjegattivi bizejjed. Ghandu jigi osservat, pero’, li s-socjeta konvenuta tallega li hija saret taf b’dawn l-invoices wara li nftehet il-kawza odjerna. Is-socjeta konvenuta tikkontendi ukoll illi kif intqal f’ittra a fol 37 jissemma ukoll xi ristrutturar fid-dipartiment tal-immanigjar u minhabba dan lanqas ma kienu qed jintbaghtu statement of accounts mis-socjeta attrici. Is-socjeta’ konvenuta insistiet illi kellha dritt tara l-invoices, ghaliex wiehed ghandu dritt ikun jaf precizament ghalxiex qed ihallas.

Kwindi jirrizulta sufficjentement li t-talba attrici ghall-ammont in kwestjoni ma gietx sostanzjata b’fatturi qabel ma nfethet il-kawza. Direttur tas-socjeta’ konvenuta, Pietro Blasina, xehed illi huwa talab lill-kuntrattur li tqabbad mis-socjeta’ attrici, l-fattura taghhom relattiva u dan peress li l-istess socjeta’ konvenuta kienet qed tircievi merkanzija ghal diversi xhur pero’ ma kienitx qed tircievi l-invoices relattivi. L-imsemmija kuntratturi rrispondew li kienet is-socjeta attrici li kellha taghmel dan. In effett is-socjeta’ konvenuta, ftit granet wara rceviet ‘statement’ u fuq dan l-istatement l-istess socjeta’ konvenuta informat lis-socjeta attrici li kien ser isir pagament parzjali sakemm jintbaghtula l-fatturi kollha originali. Hawnhekk ghandu jigi rilevat li is-socjeta attrici kellha tipprezenta fatturi sostanzjati minn dokumenti. Da parti taghha s-socjeta konvenuta kellha d-dritt ghal din l-informazzjoni, bi spjegazzjoni tal-hlas mitlub mis-socjeta’ attrici. F’dan ir-rigward zgur li jirrizulta nuqqas da parti tas-socjeta attrici. Ovvjament, pero’, dan il-fatt wahdu mhux bizzejjed sabiex it-talba attrici tigi michuda.

Jibqa l-fatt li, mill-provi prodotti kif ukoll anke mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta jirrizulta li s-servizz gie rez u l-garr sar mis-socjeta’ attrici u inoltre jirrizulta li s-socjeta konvenuta hallset parti mill-bilanc mitlub mis-

socjeta’ attrici. In effett l-imsemmi xhud Pietro Blasina kkonferma li saru xi hlasijiet lis-socjeta’ attrici u huwa kien jaf li xi ammont kien dovut u ghalhekk sar hlas parzjali u dan sabiex jigi muri lis-socjeta attrici li s-socjeta’ konvenuta kienet lesta li thallas galadarba tircievi l-invoices. L-ammont li thallas, f’dan ir-rigward, jirrefletti s-somma li, skond is-socjeta’ konvenuta, kienet dovuta skond il-quotation originali tas-socjeta’ attrici. Ma jistax jigi konkluz li minhabba n-nuqqas ta’ invoices dettaljati, t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda u b’hekk is-socjeta’ konvenuta tinheles milli thallas ammont li jista jkun dovut lis-socjeta attrici.

Fl-istess hin, pero’, jirrizulta li hemm hafna konfuzjoni dwar ir-rati li ntuzaw biex is-socjeta’ wasslet ghall-bilanc mitlub u f’dan ir-rigward hemm kontestazzjoni minn naha tas-socjeta’ konvenuta fis-sens li l-istess socjeta’ tallega li r-rati li ntuzaw mis-socjeta’ attrici sabiex din wasslet ghall-ammont li qed jigi mitlub ma jaqblux mal-“quotation” originali. F’dan ir-rigward direttur tas-socjeta’ attrici kkonferma (fol.58) li s-socjeta attrici u dik konvenuta kienu nnegozzjaw garr ta’ merkanzija bil-bahar. Skond huwa innegozzjaw ‘variable agreement’ dwar il-prezz li kienu ser jitolbu ghas-servizz tal-garr, ghalkemm huwa ammetta li din ma hix li l-prassi li l-prezzijiet miftehma jkunu varjabbli. Fl-kontro ezami, l-istess xhud jsejjah il-quotation bhala ‘general indication of the prices’ u jghid li fit-trasport hemm diversi fatturi “unknown” li jiddeterminaw il-prezz u l-invoices relattivi jinhargu fuq dak li attwalment jigri fit-trasport. Hawnhekk si tratta ta’ kummerc jew negozju u tenut kont ta dak li jigri solitament f’dan il-kamp’ dak li jghid id-direttur tas-socjeta’attrici mhux verosimili.

Dejjem fir-rigward tal-prezzjiet li ntuzaw mis-socjeta’ attrici biex wasslet ghall-ammont in kwestjoni, s-socjeta konvenuta tallega illi in effett il-fatturi relattivi ma jaqblux ma xulxin meta l-istess fatturi jirrigwardaw merkanzija li tkun ingarret mill-istess post ghall-istess destinazzjoni. F’dan ir-rigward is-socjeta konvenuta ssostni li dawn l-istess invoices, cioe precizament dawk esibiti a fol 6, 14 u 13, jirrigwardaw il-garr tal-istess tip ta’ merkanzija (mhux ta’ natura perikoluza), il-vjagg kien dejjem l-istess, u cioe

kontejners gejjin mill-istess post u sal-istess destinazzjoni (Genoa sa' Malta), il-CBM kien dejjem l-istess u ukoll ir-rati kienu miftehma minn qabel, u minkejja dan kollu r-rati u l-ammonti jvarjaw hafna minn xulxin u mill-prezz miftiehem ghall-garr ta' kontejner ta' erbghin pied.

Inoltre, skond is-socjetra' konvenuta, l-fatturi juru b'mod assurd differenzi fil-piz. Rigward din id-differenza fil-piz, is-socejta konvenuta tkompli tghid illi din id-differenza ma treggix ghaliex hawnhekk si tratta ta' garr ta' merkanzija go kontejners u mhux merkanzija separata. F'kaz ta' full container load, l-esportatur ihallas skond id-daqs tal-kontejner u irrespettivament mill-piz. Fil-fatt is-socjeta' attrici fil-quotation tat rati skond id-daqs tal-kontejner u mhux skond il-piz tal-merkanzija. Il-fatturi 10345, 10426 u 10471 jaghmlu differenza fil-piz u s-socjeta konvenuta tghid li din id-differenza hija wahda assurda u illogika, ghaliex fl-invoice numru 10471 (fol.A 9) fejn il-piz huwa oghla mentri intalabet somma ghar-rigward tal-invoice numru 10426 (fol.A 10) meta l-piz kien wiehed irrisorju.

Is-socjeta konvenuta taghmel ukoll referenza ghall-kwestjoni ta' "groupage fees/consolitation expenses." Il-fatturi a fol. A 4, A 5, A 6, A 7 u A 8, li jirreferru ghall-hames konsenji, li ghalihom is-socjeta attrici harget hames invoices separati ghal kull oggett daqs li kieku ingarru separatment meta fil-fatt ingarru f'kontejner wiehed u s-socjeta attrici iccargjat groupage fee minflok full load container skond pagna 1 tal-quotation. Pietro Blasina jghid li kellu jintalab Lm575, mentri fil-fatt intalab Lm1569.30. Hamish Dampster, prodott mis-socjeta' attrici, xehed a fol 70 "when we had the cargo in Livorno we still had to face charges in loading the cargo onto the container and this is perhaps what defendant company is not taking into consideration." Spjega illi l-cargo gie minn 'various places of origin' u b'hekk talbu l-consolidation expenses. Imma, jigi rilevat li ma ssir ebda riferenza ghall-imsemmijha "consolidation expenses" fil-quotation. L-istess xhud Hamish Dampster (fol 65) xehed illi l-quotation kienet ibbazata fuq full load pero is-socjeta konvenuta kienet qed tibghat loose cargo u allura kellu jingieb Malta in groupage u r-rati ghall-groupage huma oghla mir-rati

normali. Xehed illi s-socjeta konvenuta inghatat skont fuq il-groupage rates.

Ix-xhud Tony Scerri, fl-affidavit tieghu (fol.144) qal li "in such circumstances the established commercial practice is for engaged carrier to bill client for a full load container rather than for each separate item as if carried in groupage when merchandise would have been carried in one container." L-unika spjegazzjoni li taghti s-socjeta attrici tinsab fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fejn gie sottomess li l-quotation kienet stima ghaliex fil-garr tal-merkanzija il-hlas tas-servizzi rezi ikun jista' jigi kkalkolat b'mod preciz fl-ahhar tal-vjagg.

In vista tal-premess u in vista tar-rizultanti konfuzjoni dwar il-fatturi li gew esibiti ma jistax jinghad li jirrizulta pruvat li l-ammont mitlub jirrizulta effettivament u realment dovut. Jigi inoltre osservat li fir-rigward tal-invoices 8 – 12, li dwarhom hemm informazzjoni bizejjed sabiex tista jinhadem il-groupage rate, fl-istess hin, m'hemmx informazzzjoni biex wiehed jista jikkonkludi jekk il-merkanzija setghetx fil fatt intbaghtet bhala full container load. Is-socjeta' attrici naqset li tipproduci fatturi dettaljati li juru x'ammont huwa dovut skond il 'quotation' ghal kull garr partikolari, per ezempju, kull invoice ghandha tispecifika b'mod car charges ghall-full load, loading charges, groupage fees, charges f'kaz ta' hazardous cargo u consolidation expenses. Ma nghatawx spjegazzjonijiet cari ghar-rigward tal-ammontu fil-varji fatturi li jeccedu l-quotation. Per ezempju, l-klassifika bhal "lump sum" fil-fattura numru 10426 datata 26 ta' Jannar 1998 immarkata bhala A10 li tindika ammont ta' Lm934,20 ma giex spjegat f'xix tikkonsisti din is-somma. Inoltre, is-socjeta konvenuta ghandha turi specifikament l-ammonti li hi thallset fir-rigward ta kull fattura u tindika b'mod partikolari fir-rigward ta' liema invoice sar xi hlas partikolari.

In vista tal-premess it-talbiet attrici ma jirrizultax li gew sufficjentement ipprtuvati u konsegwentement l-isess talbiet jimmeritaw li jigu michuda.

**Il-kontro-talba**

Is-socjeta attrici kienet inkarigata mis-socjeta konvenuta sabiex iggorr konsinna destinata minn Milan ghall-Malta, konsistenti f’zewg kaxxi tal-injam li kienu jikkontenju electrical panels essenzjali ghall-operat tal-fabbrika tas-socjeta konvenuta. Meta ghaddiet il-gimgha li huwa z-zmien normali li fiha s-socjeta attrici normalment kienet iggib il-kontejners u l-kontejners bl-electrical panels kienu ghadhom ma waslux, ix-xhud Pietro Blasina cempel lis-socjeta attrici ghal risposta u l-istess socjeta’ attrici kienet tirrispondi li l-merkanzija mhux ser iddum ma tasal Malta. Minkejja reminders li s-socjeta konvenuta kienet tibghat lis-socjeta attrici, il-merkanzija waslet Malta tard hafna. Jirrizutla mill-provi illi l-merkanzija li kienet ordnata f’Marzu 1998 waslet Malta f’April 1998 imma giet konsenjata lis-socjeta’ konvenuta f’Mejju 1998 (fol.38).

Is-socjeta konvenuta tikkonferma li s-socjeta attrici kienet ikkuntrattat mad-ditta Attrans sabiex isir dan il-garr, li da parti taghha inkarigat lid-ditta ACE. ACE infurmaw lis-socjeta konvenuta illi li fis-27 ta’ Marzu 1998 waslet il-merkanzija f’Milan. F’dan ir-rigward is-socjeta konvenuta tikkontendi li kwindi s-socjeta’ attrici zammet il-merkanzija 16-il jum sakemm ma kkonsenjat il-merkanzija lil Attrans sabiex il-merkanzija tingarr lejn Malta. Bhala konsegwenza ta dan id-dewmien il-merkanzija, li kienet essenzjali ghall-operat tal-fabbrika tas-socjeta’konvenuta, l-istess fabbrika ma setghetx topera ghal xahrejn u dan ukoll peress li l-kuntratturi li tqabbdu mis-socjeta’ konvenuta, cioe’Zamsul, biex jaghmlu xogholijiet fl-istess fabbrika sakhemm waslet Malta l-merkanzija kienu lahqu bdew xoghol f’post iehor. Bhala konsegwenza ix-xoghol li kellu jsir fil-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta tlesta biss f’Lulju 1998.

Is-socjeta’ konvenuta ssostni li sofriet danni peress li kienet hadet ordni minn socjeta’ terza sabiex tlesti xi kimika sa certu data. Is-socjeta’ konvenuta tallega ukoll li minhabba d-dewmien in kwestjoni kienet kostretta tikkancella l-imsemmija ordni peress li ma setghetx tlahaq

l-ordni sat-terminu ffissat u b’hekk is-socjeta’ terza ghamlet arrangamenti ohra ma’ socjeta ohra. Fil-kontro-talba taghha s-socjeta konvenuta oltre li talbet li s-socjeta’ attrici tigi dikjarata responsabbli tad-danni minnha sofferti, talbet ukoll li s-socjeta’ attrici tigi kkundanata thallas penali ai termini tal-artikou 836(8a) tal-Kapitolu 12 in vista tal-fatt li wara li ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta’ konvenuta ma segwitx dan il-mandat b’citazzjoni fit-terminu li trid il-ligi.

Ghal din il-kontro-talba ssocjeta’attrici qed teccepixxi li in efffett ma kienx hemm struzzjonijiet illi l-garr isir b’urgenza u inoltre hi qatt ma impenjat ruhha illi ggorr il-merkanzija sa certa data stbbilita. In effett il-merkanzija twasslet Malta fi zmien dsatax-il jum minn meta l-merkanzija tpoggiet ghad disposizzjoni taghha. Dwar it-talba rigwardanti l-mandat kawtelatorju s-socjeta’ attrici tissottometti li una volta li s-socjeta’ konvenuta waqghet l-istess mandat billi ssttomettiet garanzija bankarja l-istess socjeta’ konvenuta rrinunzjat ghar-rimedju li qed jntalab fil-kontro-talba.

L-imsemmi xhud Walter Bonnici (fol 58) xehed illi s-socjeta’ attrici qatt ma ggarantiet xi data ta’ kunsinna lis-socjeta konvenuta. Skond id-drettur tas-socjeta’ konvenuta huma kienu ircevew l-apparat kollu necessarju sbiex il-fabbrika tkun tista topera pero’ sabiex il-fabbrika tkun funzjonabbli b’mod komplet kien jonqos li jigi istallat l-apparat elettriku. Dan l-apparat elettriku kien in effett parti mill-merkanzia li kella tingieb mis-socjeta’ attrici u hu propju l-meritu tal-kontro-talba. L-apparat wasal fl-ahhar ta’ April 1998 u skond l-istess direttur tas-socjeta’ konvenuta d-dewmien kien dovut ghal fatt li ma kienx hemm groupage gej Malta u kwindi l-kontejner ha z-zmien biex jintela. Huwa kkonferma li s-socjeta attrici giet mitluba ggib il-container “as soon as possible.”

Is-socjeta konvenuta elenkat id-danni li soffriet minhabba garr ittardjat tal-kaxex tal-electrical parts intiza ghall-funzjonament tal-fabbrika taghha. B’kollox is-socjeta’ konvenuta ssostni li minhabba d-dewmien sofriet danni ammontanti ghal Lm18864 u din is-somma tinkludi d-

danni in konsehgwenza tal-kancellament tal-ordni minn-naha tas-socjeta’ terza kif gia imsemmi. Is-socjeta’ konvenuta ukoll elenkat (fol.120) il-hsarat u l-ispejjez li garrbet matul il-perjodu mill-1 ta’ Mejju 1998 sal-31 ta’ Lulju 1998 u dawn, skond l-istes socjeta’ konvenuta jammontaw ghal Lm10415 skond il-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom l-awdituri tal-istess socjeta’ konvenuta.

Rapresentant tas-socjeta’ li kienet giet inkarigata biex tiehu hsieb l-istallazzjoni tal-apparat elettriku kkonferma li x-xoghol kommissjonat ma setghax jitlesta fiz-zmien miftiehem ghaliex xi materjal li kellu jasal mill-Italja ma wasalx fil-hin. Jdher li l-istallazzjoni tal-apparat in kwestjoni kellu jitlesta sa Awissu 1998, pero’ kif gia ntqal ix-xoghol ma tlestix fil-hin minhabba id-dewmien peres li l-materjal ma wasalx fil-hin.

Direttrici tas-socjeta’ terza, li ghaliha gia saret referenza, ikkonfermat (ara affidavit ta’ Luisa Pedroni a fol.218) li l-istess socjeta’ terza kienet accettat ordni minnghand socjeta’ohra sabiex tigi prodotta xi kimika. Is-socjeta’ terza ma kellhiex il-facilitajiet sabiex tipproduci l-prodott in kwstjoni u ghalhekk ghamlet ordni mas-socjeta’ konvenuta ghall-istess prodott u l-istess socjeta’ konvenuta obbilgat ruhha li l-prodott in kwestjoni jigi konsenjat sa April 1998. Sussegwentement is-socjeta’ konvenuita informat lis-socjeta’ terza li ma steghetx tipproduci l-kimika minhabba d-dewmien fil-wassla tal-apparat tal-elettriku essenzjali ghal funzjonament tal-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta. Minhabba f’hekk is-socjeta’ terza ghamlet arrangamenti ohra ma produtturi ohra. In effett jirrizulta li meta s-socjeta’ konvenuta accettat l-ordni tas-socjeta’ terza, l-fabbrika tal-istes socjeta’ konvenuta kienet ghada ma bdietx topera u tuffunzjona. Jirrizulta ukoll li meta, fil-fatt, l-apparat elettriku wasal Malta ma kien hemm hadd fil-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta biex jircievi l-istess apparat.

Id-direttur tas-socjeta’ konvenuta kkonferma li huwa fehem wahdu, minghajr ebda spjegazzjoni mis-socjeta attrici, illi biex it-trasport tal-merkanzija jigi groupage kien hemm stennija Huwa qal ukoll li pero’ hadd ma avzah b’dan il-fatt. Huwa stqarr li kieku kien jaf kien jiehu d-

decizjoni li l-merkanzija tingieb Malta bl-ajru. L-istess direttur ikkonferma li ghalkemm ma kien hawn hadd Malta biex jircievil-merkanzija xorta wahda l-kuntrattur li kien inkarigat biex jinstalla l-apparat tal-elettriku kien gia beda jaghmel xoghol ghal xi hadd iehor. Hadd iehor hlief l-imsemmi kuntrattur ma seta jaghmel ix-xoghol in kwestjoni peress li l-istess kuntrattur biss kien jaf il-“layout” tal-“wiring.” Huwa zied jghid li anke kieku l-apparat ingabar malli wasal Malta u ukol gie istallat minnufih, xorta ma kienx ser ikun hemm bizzejjed zmien biex tigi prodotta u tigi konsenjata l-kimika entro iz-zmien miftiehem.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, is-socjeta attrici tikkontesta l-ezistenza ta’ danni sofferti mis-socjeta konvenuta u tghid li dawn id-danni mhumiex reali, ma gewx realment sofferti mis-socjeta konvenuta u fi kwalunkwe kaz ma humiex danni li legalment jistghu jigu mitluba mis-socjeta attrici rikonvenuta. Tissottometti li kien hemm nuqqasijiet attribwibbli lis-socjeta konvenuta ghad-dewmien ghall-irtirar tal-merkanzija wara li waslet Malta. Is-socjeta attrici tghid ukoll illi s-socjeta konvenuta jmissha fittxet lil min kien effttivament inkarigat mis-socjeta attrici biex igorr il-merkanzija u ma min is-socjeta’ konvenuta kienet tikkorrispondi regolarment dwar id-dettalji tal-garr. Is-socjeta’attrici inoltre tissottometti li s-socjeta’ konvenuta ma gabitx prova dwar l-ghoti ta’ struzzjonijiet lis-socjeta attrici biex il-merkanzija titwassal Malta bl-urgenza u li lanqas ma gie miftiehem bejn il-artijiet zmien specifiku ghall-konsenja.

Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull individwu ghandu iwiegeb ghall-hsara li tkun grat bi htija tieghu. Is-subinciz (1) tal-Artikolu 1032 jipprovdi li jitqies bhala htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja. Hemm nuqqas tad-diligenza meta, skond l-Artikolu 1033, xi hadd jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi u cioe’ jrid jirrizulta ukoll li d-dannegjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta’ dover skond il-ligi. Ghar-rigward tal-piz tal-prova l-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 2010, fil-kawza fl-ismijiet “Carmelo Farrugia vs

Antoine Grima” irriteniet li “hu ben saldat fil-ligi taghna illi r-responsabilita` civili ta’ indoli akwiljana tesprimi ruhha fil-kolpa (artikolu 1031 tal-Kodici Civili) u din, fil-qafas ta’ l-istess Kodici Civili, hi oggettivament espressa minn nuqqas ta’ prudenza, tad-diligenza u tal-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja - artikolu 1032(1). Min, allura, l-agir tieghu ma tkunx konformi ma dawn il-kanoni objettivi tad-diligenza, prudenza u tal-hsieb uti bonus paterfamilias jitqies in kolpa u jkollu jwiegeb ghad-danni li jissucciedu. Wisq ragonevolment, jispetta lill-attur, li lilu gie kagonat id-dannu, li jaghti prova ta’ din il-kolpa, ossija tan-ness kawzali bejn l-event dannuz u l-kondotta tad-danneggjant, u tal-ezistenza tad-dannu. Logikament ukoll, dan il-principju ma jfisserx illi l-Qorti ghandha takkwizixxi din il-kolpa eskluzivament mill-materjal probatorju offert mill-attur danneggjat ghaliex jista’ jaghti l-kaz li l-kolpa tal-konvenut specjalment fejn ma jkunx agevoli li ssir l-prova diretta, tigi dezunta minn fatti u cirkostanzi li ghandhom l-impronta ta’ htija.”

Il-Qorti Civili, Prim' Awla, fit-25 ta' Gunju, 2009, fil-kawza fl-ismijiet “Avukat Dottor Austin Sammut nomine vs NC-Metric Sicav plc” gie ritenut li “f’dan il-kuntest jinghad li huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi f’kawza ghal danni … ghandu jigi provat in-ness ta’ kawza u effett bejn id-danni reklamati u l-agir ta’ min ikun ikkaguna d-danni (ara ukoll “Josef Galea vs Combinati Transport Services Limited pro et nomine” – Qorti tal-Appell - 30 ta’ Marzu 2001).

L-imsemmi direttur tas-socjeta konvemuta, Pietro Blasina (fol 92), xehed illi s-socjeta attrici kienet generalment ggor il-merkanzija fi zmien sebat ijiem u jzid jghid “I trusted them and on past experience I knew that they normally honoured their time limits. If the cargo had arrived reasonably on time, that is within circa 7 days, Blaschem’s factory in Malta would have been operation by mid April 1998.

Pietro Blasina kien tal-fehma li d-dewmien kien ikkawzat mill-fatt li ma kienx hemm bizejjed merkanzija biex din titwassal groupage. Inoltre jigi rilevat li s-socjeta konvenuta imkien ma ssemmi data stabbilita bejnha u

bejn is-socjeta attrici jew termini stabbiliti li fih kellu jsir il-garr. Ghalkemm jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet tibghat reminders lis-socjeta attrici biex tistaqsi dwar x'sar mill-merkanzija, u f'dawn ir-reminders kienet tispecifika li l-merkanzija hija urgenti, dawn l-istruzzjonijiet ma jirrizultawx li nghataw qabel il-garr effettiv tal-merkanzija in kwestjoni u cioe' fil-hin li kien ghadu qed jigi negozjat il-garr in kwestjoni.

Mill-provi jirrizulta probabli illi s-socjeta konvenuta ipprezumiet illi l-garr ser isir kif kien isir qabel u cioe li l-merkanzija kienet ser tasal Malta fl-istess medda ta' zmien bhall-merkanzija precedenti cioe f'temp ta' madwar gimgha. L-uniku ftehim pruvat kien li l-merkanzija tingarr by groupage bis-socjeta konvenuta tassumi illi l-garr kien ser jiehu l-istess zmien bhall-garr ta' qabel. In konkluzjoni ghalhekk ma jirrizultax sufficjentement li kien hemm ebda ftehim dwar it-terminu li fih kella ssir il-konsenja. F'dan ir-rigward id-direttur tas-socjeta' konvenuta xehed ukoll "because of the urgency to install the electrical panels (last equipment still missing for production), I ordered Graja and Caorsi to ship them separately by groupage on March 11." Ma giex ippruvat, pero', li s-socjeta attrici kienet marbuta b'xi limitu tz-zmien ghall-garr inkwestjoni. Skond ir-regola tal-piz tal-provi, il-parti li tallega l-fatt ghandha l-oneru li ggib il-prova u kien jinkombi fuq is-socjeta konvenuta li ggib il-prova ta' ftehim li l-garr tal-merkanzija kellu issir b'urgenza u entro certu zmien fiss. Is-socjeta konvenuta tghid illi gie miftiehm korrispettiv in vista li l-garr kellu jsir b'urgenza (dok.K - fol 45), pero' kif gia ntqal is-socjeta konvenuta ma rnexxielhiex tipprova li kien hemm xi obbligu inkombenti fuq is-socjeta' attrici li l-garr isir b'urgenza, u kwindi ma jirrizultax ksur ta' xi obbligu da parti tal-istess socjeta' attrici.

Il-Prim' Awla Tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Charles Sant Fournier et nomine vs L-Avukat Dottor Philip Attard Montalto" irrteniet illi "s-socjeta konvenuta ma kienitx bl-ebda mod negligenti, b'dan li ma hemm l-ebda ness ta' kazwalita' bejn id-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici u l-agir tal-istess konvenut u ghalhekk ma hemm ebda ksur ta' obbligi lejn l-

istess socjeta'.” Kwindi, peress li s-socjeta konvenuta naqqset milli tipprova dak li kien l-oneru taghha li tipprova, u cioe l-kondotta tad-danneggjant, l-azzjoni odjerna ma tistax tirnexxi.

Is-socjeta konvenuta talbet ukoll lill-qorti tiddeciedi li s-sekwestru kawterlatorju 4318/1998 ma giex segwit b’kawza u talbet li s-socjeta attrici tigi ikkundannata thallas penali skond id-diosposizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(a). F’dan ir-rigward il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Awwissu, 2010, fir-rikors numru. 903/2009, fl-ismijiet “John Farugia et vs Noel Chetcuti et” qalet li “għal dak li jirrigwarda t-talba għall-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas ta’ penali huwa car li t-talba tinbena fuq l-artikolu 836(8) tal-Kodici Proceduarli. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista’ taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta’ din, b’piena ta’ ħlas ta’ penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda mic-cirkostanzi maħsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erba huma c-cirkostanzi maħsuba mil-ligi f’dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu bħala tassattivi.” Imbaghad il-Prim’ Awla Tal-Qorti Civili, fit-30 ta’ Mejju 2002, fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 4907/99 fl-ismijiet “Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited” cahdet it-talba ghaliex “fit-tieni lok ma gie bl-ebda mod ippruvat li l-istess socjeta’ rikorrenti soffriet xi danni kawza tal-hrug tal-istess mandat sakemm l-istess baqa’ in vigore u dan ghal ftit jiem biss.”

Fil-kaz in esami jirrizulta li s-socjeta konvenuta zgur li ma rnexxielie tipprova li sofriet xi danni bhala konsegwenza tal-hrug tal-mandat u ghat-tul qasir kemm dam fis-sehh l-istess mandat

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha u ghar-rigwrd tal-kontro-talba tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu akkolti l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta attrici u konsegwentement it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta fil-kontro-talba taghha jimmeritaw li jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi fl-ewwel lok dwar il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta billi tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici u konsegwentement tichad il-kontro-talbiet kollha tas-socjeta' konenuta.

Tiddecidi fit-tieni lok dwar it-talbiet attrici billi tichad l-istess talbiet peress li ma jirrizultax sufficjentement li l-ammont mitlub hu effettivament dovut.

L-ispejjez kollha jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------